VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,395, 20 ta' Marzu, 2015
Taqsima B

A.L. 96 tal-2015

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2015 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - in Social Policy or in Social Work taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2015 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - in Social Policy or in Social Work - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - in Social Policy or in Social Work - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali 167 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2015 jew wara.

L-Emenda għat-titlu tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok it-titlu tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - in Social Policy or in Social Work - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:"

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) – B.A. (Hons) – in Social Policy or in Social Work - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) – B.A.(Hons) – in Social Policy or in Social Work, kif xieraq;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) – B.A. (Hons) – in Social Policy or in Social Work, kif xieraq; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għall-Għoti tar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004."

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"5. (1) Il-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Social Work jinfirex fuq medda ta' erba' snin ta' studji fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti tagħhom fuq bażi *part-time*.

(2) L-istudenti li jidħlu għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Social Work skont il-provvedimenti tal-paragrafu (2) tal-ordinament 4 jistgħu jispiċċaw il-kors ta' studji tagħhom f'medda ta' tlett snin ta' studji fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti tagħhom fuq bażi *part-time*."

6. Il-paragrafu (3) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (2) tal-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali:

"(3) Il-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Social Policy jinfirex fuq medda ta' tlett snin ta' studji fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti tagħhom fuq bażi *part-time*.

L-Emenda għall-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

7. Minflok il-paragrafu (3) tal-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) It-Tieni Parti tinfirex fuq medda ta' tlett snin fil-każ tal-grad tal-Bachelor of Arts (Honours) in Social Work, u fuq medda ta' sentejn fil-każ tal-grad tal-Bachelor of Arts (Honours) in Social Policy."

L-Emenda għall-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali

8. Minflok l-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"9. (1) It-Tieni Parti tal-Kors għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Social Work tinfirex fuq medda ta' tlett snin u tinkludi taqsimiet studju obbligatorji u elettivi, li għalihom hemm assenjati 180 krettu. Dawn jinkludu l-kitba ta' dissertazzjoni ta' 12,000-15,000 kelma. Id-dissertazzjoni għandha tinkiteb skont il-kriterji stabbiliti mill-Bord."

9. Il-paragrafu (2) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (1) tal-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali:

"(2) It-Tieni Parti tal-Kors għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Social Policy tinfirex fuq medda ta' sentejn u tinkludi taqsimiet studju obbligatorji u elettivi, li għalihom hemm assenjati 120 krettu. Dawn jinkludu l-kitba ta' dissertazzjoni ta' 10,0000 kelma. Id-dissertazzjoni għandha tinkiteb skont il-kriterji stabbiliti mill-Bord."

L-Emenda għall-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali

10. Minflok l-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"11. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-grad tal-Bachelor of Arts (Honours) in Social Work għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fl-erba' snin tal-Kors li jkollhom dan il-piż:

Il-Marka Medja tal-Ewwel Sena	10%
Il-Marka Medja tat-Tieni Sena	20%
Il-Marka Medja tat-Tielet Sena	20%
Il-Marka Medja tar-Raba' Sena	50%."

11. Il-paragrafu (2) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (1) tal-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali:

"(2) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-grad tal-Bachelor of Arts (Honours) in Social Policy għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fit-tlett snin tal-Kors li jkollhom dan il-piż:

Il-Marka Medja tal-Ewwel Sena	10%
Il-Marka Medja tat-Tieni Sena	40%
Il-Marka Medja tat-Tielet Sena	50%."

Iż-Żieda tal-ordinament 12 mal-ordinamenti prinċipali

12. L-ordinament 12 li ġej għandu jiżdied wara l-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali:

"**Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time***

12. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord tal-Istudji bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors."